Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B **REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1184/2005**

tat-18 ta' Lulju 2005

li jimponi ċerti miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni li jxekklu l-proċess ta' paċi u li jiksru l-liġi internazzjonali fil-konflitt tar-reġjun tad-Darfur fis-Sudan

(ĠU L 352M, 31.12.2008, p. 239)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 760/2007 tat-18 ta' Mejju 2006	L 348M	508	24.12.2008
►M2	Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006 ta' l-20 ta' Novembru 2006	L 352M	629	31.12.2008
►M3	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 970/2007 tas-17 ta' Awwissu 2007	L 215	16	18.8.2007

Ikkoreġut minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 227, 31.8.2007, p. 53 (970/2007)

▼B

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1184/2005

tat-18 ta' Lulju 2005

li jimponi ċerti miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni li jxekklu l-proċess ta' paċi u li jiksru l-liġi internazzjonali fil-konflitt tar-reġjun tad-Darfur fis-Sudan

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 60, 301 u 308 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Pożizzjoni Komuni 2005/411/PESK tat-30 ta' Mejju 2005 dwar miżuri restrittivi kontra s-Sudan ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]),

Billi:

(1) Fir-Riżoluzzjoni tiegħu 1591 (2005) tad-29 ta' Marzu 2005, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, li aġixxa taħt il-Kapitolu VII tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, u waqt li jiddeplora bil-qawwa l-fatt li l-Gvern tas-Sudan u forzi ribelli u l-gruppi kollha l-oħra armati fid-Darfur naqsu li jikkonformaw ma' l-impenji tagħhom u mat-talbiet tal-Kunsill tas-Sigurtà, iddeċieda li jimponi ċerti miżuri restrittivi addizzjonali fir-rigward tas-Sudan.

(2) Il-Pożizzjoni Komuni 2005/411/PESK tipprevedi, *inter alia*, l-implimentazzjoni ta' l-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi ta' dawk il-persuni indikati mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet kompetenti tan-Nazzjonijiet Uniti, li jimpedixxu l-proċess ta' paċi, jikkostitwixxu theddida għall-istabbiltà fid-Darfur u r-reġjun, iwettqu vjolazzjonijiet tal-liġi umanitarja internazzjonali jew tal-liġi tad-drittijiet tal-bniedem jew atroċitajiet oħrajn, jivjolaw l-embargo ta' l-armi jew huma responsabbli ta' ċerti titjiriet militari offensivi fir-reġjun u li jgħaddu fuq ir-reġjun ta' Darfur. Dawn il-miżuri jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat u, għalhekk, biex tiġi evitata kwalunkwe distorsjoni tal-kompetizzjoni, miżuri Komunitarji huma meħtieġa biex timplimenthom sa fejn hi kkonċernata l-Komunità.

(3) Għall-fini ta' dan ir-Regolament, it-territorju tal-Komunità għandu jiġi meqjus li jinkludi t-territorji ta' l-Istati Membri li għalihom japplika t-Trattat, skond il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dak it-Trattat.

(4) Sabiex tiġi żgurata li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma effettivi, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu.

(5) It-Trattat, fl-Artikoli 60 u 301, jagħti s-setgħa lill-Kunsill biex, taħt ċerti kondizzjonijiet, jieħu miżuri, maħsuba biex jitwaqqfu jew jitnaqqsu l-ħlasijiet jew iċ-ċaqliq ta' kapital u ta' relazzjonijiet ekonomiċi fir-rigward ta' pajjiżi terzi. Il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament, immirati ukoll lejn individwi li mhumiex marbuta b'mod dirett mal-gvern ta' pajjiż terz, huma meħtieġa biex jitwettaq dan l-objettiv tal-Komunità u l-Artikolu 308 tat-Trattat jagħti s-setgħa lill-Kunsill biex jieħu tali miżuri jekk ma jkunux previsti setgħat oħra speċifiċi fit-Trattat,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

([1]) ĠU L 139, 2.6.2005, p. 25.
([2]) Opinjoni mogħtija fit-23 ta' Ġunju 2005 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

▼B

Artikolu 1

Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw dawn id-definizzjonijiet:

1) "Kumitat tas-Sanzjonijiet" tfisser il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti stabbilit skond il-paragrafu 3 tar-Riżoluzzjoni 1591 (2005) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU;

2) "fondi" tfisser assi u benefiċċji finanzjarji ta' kull xorta, li jinkludu, iżda mhux limitati għal:

   (a) flus kontanti, ċekkijiet, pretensjonijiet fuq flejjes, *drafts, money-orders* u strumenti oħra ta' ħlas;

   (b) depożiti ma' istituzzjonijiet finanzjarji jew ma' entitajiet oħra, bilanċi f'kontijiet, djun u obbligazzjonijiet ta' dejn;

   (c) titoli negozjabbli kemm pubblikament kif ukoll privatament u strumenti li joħolqu jew jirrikonoxxu debitu, inklużi *stock* u azzjonijiet, ċertifikati li jirrappreżentaw titoli, *bonds, notes, warrants, debentures* u drittijiet taħt kuntratti derivati;

   (d) imgħax, dividends jew dħul ieħor fuq assi, jew valur akkumulat jew ġenerat minnhom;

   (e) kreditu, dritt ta' tpaċija, garanziji, *performance bonds* jew obbligi finanzjarji oħra;

   (f) ittri ta' kreditu, poloz tat-tagħbija, dokumenti ta' bejgħ;

   (g) dokumenti li jixhdu xi interess f'fondi jew riżorsi finanzjarji;

   (h) kwalunkwe strument ieħor ta' finanzjament għall-esportazzjoni;

3) "iffriżar ta' fondi" tfisser il-prevenzjoni ta' kwalunkwe ċaqliq, trasferiment, alterazzjoni, użu, aċċess, jew negozju fir-rigward ta' fondi bi kwalunkwe mod li jirriżulta fi kwalunkwe bidla fil-volum, fl-ammont, fil-lok, fid-dritt tal-proprjetà, fil-pussess, fin-natura, fid-destinazzjoni tagħhom jew f'xi bidla oħra li tippermetti l-użu tal-fondi, inkluża l-amministrazzjoni ta' *portfolio*;

4) "riżorsi ekonomiċi" tfisser assi ta' kull xorta, tanġibbli jew intanġibbli, mobbli jew immobbli, li mhumiex fondi iżda li jistgħu jintużaw għall-akkwist ta' fondi, beni jew servizzi;

5) "iffriżar ta' riżorsi ekonomiċi" tfisser il-prevenzjoni ta' l-użu tagħhom għall-akkwist ta' fondi, beni jew servizzi bi kwalunkwe mod, inklużi, iżda mhux limitati għall-bejgħ tagħhom, il-kiri tagħhom jew il-kostituzzjoni fuqhom ta' drittijiet reali ta' garanzija.

Artikolu 2

1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu lil, huma proprjetà ta' jew ikkontrollati, direttament jew indirettament, minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness I għandhom jiġu ffriżati.

2. L-ebda fondi jew riżorsi ekonomiċi ma għandhom isiru disponibbli, direttament jew indirettament, lil jew għall-benefiċċju tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness I.

3. Il-parteċipazzjoni, konxja u intenzjonali, f'attivitajiet li l-objettiv jew l-effett tagħhom huwa, direttament jew indirettament, l-evażjoni tal-miżuri msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandha tiġi pprojbita.

Artikolu 3

1. B'deroga mill-Artikolu 2 l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, kif elenkati fl-Anness II, jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati jew jagħmlu disponibbli ċerti fondi ffriżati jew riżorsi ekonomiċi, taħt dawk il-kondizzjonijiet li jidh-

▼B

rulhom adatti, wara li jkunu ddeterminaw li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi konċernati huma:

(a) neċessarji għal spejjeż bażiċi, inkluż ħlasijiet għal prodotti ta' l-ikel, kera jew ipoteka, mediċini u kura medika, taxxi, *premiums* ta' assigurazzjoni, u piżijiet ta' utilità pubblika;

(b) intiżi esklussivament għall-pagament ta' drittijiet professjonali raġjonevoli u għar-rimbors ta' spejjeż magħmula assoċjati mal-prestazzjoni ta' servizzi legali;

(c) maħsuba esklussivament għall-pagament ta' miżati jew il-ħlasijiet ta' servizzi għaż-żamma jew il-manutenzjoni ta' rutina ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati;

sakemm l-Istat Membru kkonċernat ikun innotifika din id-determinazzjoni lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet u l-Kumitat tas-Sanzjonijiet ma oġġezzjonax fi żmien jumejn ta' xogħol wara din in-notifika.

2. B'deroga mill-Artikolu 2 l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, kif elenkati fl-Anness II, jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati jew li jagħmlu disponibbli ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, wara li jkunu ddeterminaw li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi huma meħtieġa għal spejjeż straordinarji, bil-kondizzjoni li din id-determinazzjoni kienet notifikata mill-Istat Membru lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet u li d-deċiżjoni tkun ġiet approvata minn dak il-Kumitat.

Artikolu 4

B'deroga mill-Artikolu 2, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, kif elenkati fl-Anness II, jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi iffriżati, jekk jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi huma s-suġġett ta' garanzija ġudizzjarja, amministrattiva jew arbitrali stabbilita qabel id-29 ta' Marzu 2005 jew ta' sentenza ġudizzjarja, amministrattiva jew arbitrali mogħtija qabel dik id-data;

(b) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi ser jintużaw esklussivament sabiex jissodisfaw pretensjonijiet iggarantiti minn tali garanzija jew rikonoxxuti bħala validi f'tali sentenza, fil-limiti stabbiliti mil-liġijiet u r-regolamenti applikabbli li jirregolaw id-drittijiet ta' persuni li għandhom tali pretensjonijiet;

(c) il-garanzija jew is-sentenza mhijiex għall-benefiċċju ta' persuna, entità jew korp elenkati fl-Anness I;

(d) ir-rikonoxximent tal-garanzija jew tas-sentenza ma jmurx kontra l-ordni pubbliku fl-Istat Membru konċernat;

(e) il-garanzija jew is-sentenza kienu notifikati mill-Istat Membru lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet.

Artikolu 5

1. L-Artikolu 2(2) ma għandux japplika għaż-żjieda f'kontijiet iffriżati ta':

(a) imgħax jew qligħ ieħor fuq dawk il-kontijiet; jew

(b) ħlasijiet dovuti taħt kuntratti, ftehim jew obbligi li ġew konklużi jew li nħolqu qabel id-data li fiha dawk il-kontijiet saru soġġetti għal dan ir-Regolament,

bil-kondizzjoni li kwalunkwe imgħax, dħul ieħor u ħlasijiet bħal dawn ikunu ffriżati skond l-Artikolu 2(1).

2. L-Artikolu 2(2) ma għandux jipprevjeni l-akkreditament tal-kontijiet iffriżati minn istituzzjonijiet finanzjarji jew ta' kreditu li jirċievu fondi trasferiti minn partijiet terzi fil-kont tal-persuna, entità jew korp

▼B

elenkati fl-Anness I, bil-kondizzjoni li kwalunkwe żjieda bħal dawn lil tali kontijiet tiġi ffriżata wkoll. L-istituzzjonijiet finanzjarji jew ta' kreditu għandhom jgħarrfu mingħajr dewmien lill-awtoritajiet kompetenti b'tali transazzjonijiet.

Artikolu 6

1. Mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli dwar ir-rappurtaġġ, il-kunfidenzjalità u s-segretezza professjonali u għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 284 tat-Trattat, il-persuni fiżiċi u ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi, għandhom:

(a) jipprovdu immedjatament kwalunkwe informazzjoni li tiffaċilita l-konformità ma' dan ir-Regolament, bħal kontijiet u ammonti ffriżati skond l-Artikolu 2, lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri elenkati fl-Anness II li fihom huma residenti jew jinsabu, u għandhom jittrasmettu tali informazzjoni, direttament jew permezz ta' dawn l-awtoritajiet kompetenti, lill-Kummissjoni;

(b) jikkooperaw ma' l-awtoritajiet kompetenti elenkati fl-Anness II fi kwalunkwe verifika ta' din l-informazzjoni.

2. Kwalunkwe informazzjoni ulterjuri riċevuta mill-Kummissjoni direttament għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru konċernat.

3. Kwalunkwe informazzjoni mogħtija jew riċevuta skond il-paragrafi 1 u 2 għandha tintuża biss għall-finijiet li għalihom ġiet mogħtija jew riċevuta.

Artikolu 7

L-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi jew ir-rifjut li fondi jew riżorsi ekonomiċi jintgħamlu disponibbli, imwettqa in bona fede abbażi li tali azzjoni hija konformi ma' dan ir-Regolament, ma għandhomx joħolqu responsabbiltà ta' kwalunkwe xorta għall-persuna fiżika jew ġuridika, għall-entità jew il-korp li jimplimentawha, jew għad-diretturi jew impjegati tagħha, sakemm ma jiġix ippruvat li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi ġew iffriżati bħala riżultat ta' negliġenza.

Artikolu 8

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lil xulxin immedjatament dwar il-miżuri meħuda taħt dan ir-Regolament u għandhom jipprovdu lil xulxin bi kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom in konnessjoni ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari informazzjoni dwar problemi ta' vjolazzjoni u nfurzar u sentenzi mogħtija mill-qrati nazzjonali.

Artikolu 9

1. Il-Kummissjoni b'dan għandha s-setgħa li:

(a) temenda l-Anness I abbażi ta' determinazzjonijiet magħmula mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet; u

(b) temenda l-Anness II abbażi ta' informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri.

2. Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi ta' l-Istati Membri taħt il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Kummissjoni għandha żżomm il-kuntatti meħtieġa kollha mal-Kumitat tas-Sanzjonijiet għall-finijiet ta' l-implimentazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament.

▼B

Artikolu 10

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar penali applikabbli għall-ksur tad- dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha biex jiżguraw li jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawn ir-regoli mingħajr dewmien wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u għandhom jinnotifikawha bi kwalunkwe emenda sussegwenti.

Artikolu 11

Dan ir-Regolament għandu japplika

(a) fit-territorju tal-Komunità, inkluż l-ispazju ta' l-ajru tagħha;

(b) abbord kull inġenju ta' l-ajru jew kull bastiment taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru;

(c) għal kull min jinsab ġewwa jew barra t-territorju tal-Komunità u huwa ċittadin ta' xi Stat Membru;

(d) għal kwalunkwe persuna ġuridika, jew entità jew korp li jkunu inkorporati jew kostitwiti taħt il-liġi ta' Stat Membru;

(e) għal kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp f'xi negozju fil-Komunità.

Artikolu 12

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

Lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmija fl-Artikolu 2

(L-Anness għandu jitlesta soġġett għad-denominazzjoni mill-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà stabbilit skond il-paragrafu 3 tar-Riżoluzzjoni 1591 (2005) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU).

▼M3

(1) Gaffar Mohammed **Elhassan** (*alias* Gaffar Mohmed **Elhassan**).

Titolu: Maġġur Ġenerali.

Kariga: Kmandant tar-Reġjun Militari tal-Punent għall- ►C1 Forzi Armati tas-Sudan ◄.

Data tat-twelid: 24.6.1953.

▼M1

(2)

(3)

▼M3

(4) Gabril Abdul Kareem **Badri** (*alias* Gibril Abdul Kareem **Barey**).

Titolu: Ġeneral.

Kariga: Kmandant fl-armata tal-Moviment Nazzjonali għar-Riforma u l-Iżvilupp.

▼B

ANNESS II

Lista ta' awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikoli 3, 4, 5, 6 u 7

IL-BELĠJU

Federale Overheidsdienst Financiën
Thesaurie
Kunstlaan 30
B-1040 Brussel
Fax: 00 32 2 233 74 65
E-mail: Quesfinvragen.tf@minfin.fed.be

Service Public Fédéral des Finances
Trésorerie
30 Avenue des Arts
B-1040 Bruxelles
Fax: 00 32 2 233 74 65
E-mail: Quesfinvragen.tf@minfin.fed.be

▼M2

IL-BULGARIJA

Министерство на финансите
ул. "Г.С. Раковски" № 102
София 1000
Тел: (359-2) 985 91
Факс: (359-2) 988 1207
E-mail: feedback@minfin.bg

Ministeru tal-Finanzi
102 Triq "G.S. Rakovsky"
Sofija 1000
Tel.: (359-2) 985 91
Fax: (359-2) 988 1207
E-mail: feedback@minfin.bg

▼B

IR-REPUBBLIKA ĊEKA

Ministerstvo financí
Finanční analytický útvar
Kaxxa Postali 675
Jindřišská 14
111 21 Praha 1
Tel.: + 420 2 5704 4501
Fax: + 420 2 5704 4501

Ministerstvo zahraničních věcí
Odbor společné zahraniční a bezpečnostní politiky EU
Loretánské nám. 5
118 00 Praha 1
Tel.: + 420 2 2418 2987
Fax: + 420 2 2418 4080

ID-DANIMARKA

Erhvervs- og Byggestyrelsen
Langelinie Allé 17
DK-2100 København Ø
Tel.: (45) 35 46 62 81
Fax: (45) 35 46 62 03

Udenrigsministeriet
Asiatisk Plads 2
DK-1448 København K
Tel.: (45) 33 92-00 00
Fax: (45) 32 54 05 33

Justitsministeriet
Slotholmsgade 10
DK-1216 København K

▼B

Tel.: (45) 33 92 33 40
Fax: (45) 33 93 35 10

IL-ĠERMANJA

Rigward l-iffriżar ta' fondi:

Deutsche Bundesbank
Servicezentrum Finanzsanktionen
Postfach
D-80281 München
Tel.: (49) 89 28 89 38 00
Fax: (49) 89 35 01 63 38 00

Rigward assistenza teknika:

Bundesamt für Wirtschaft und Ausfuhrkontrolle (BAFA)
Frankfurter Strasse 29-35
D-65760 Eschborn
Tel.: (49) 61 96 908-0
Fax: (49) 61 96 908-800

L-ESTONJA

Eesti Välisministeerium
Islandi väljak 1
15049 Tallinn
Tel.: + 372 6317 100
Fax: +372 6317 199

Finantsinspektsioon
Sakala 4
15030 Tallinn
Tel.: + 372 6680 500
Fax: + 372 6680 501

IL-GREĊJA

A. L-iffriżar ta' Assi
Ministry of Economy and Finance
General Directory of Economic Policy
Indirizz: 5 Nikis Str., 105 63
Athens — Greece
Tel.: + 30 210 3332786
Fax: + 30 210 3332810

A. Δεσμευση κεφαλαιων
Υπουργείο Οικονομίας και Οικονομικών
Γενική Δ/νση Οικονομικής Πολιτικής
Δ/νση: Νίκης 5,
ΑΘΗΝΑ 10 563
Τηλ.: + 30 210 3332786
Φαξ: + 30 210 3332810

B. Restrizzjonijiet importazzjoni-esportazzjoni

Ministry of Economy and Finance
General Directorate for Policy Planning and Management
Indirizz: Kornarou Str.,
10 563 Athens
Tel.: + 30 210 3286401-3
Fax: + 30 210 3286404

B. Περιορισμοί εισαγωγών — εξαγωγών

Υπουργείο Οικονομίας και Οικονομικών
Γενική Δ/νση Σχεδιασμού και Διαχείρισης Πολιτικής
Δ/νση: Κορνάρου 1, Τ.Κ. 105 63
Αθήνα — Ελλάς
Τηλ.: + 30 210 3286401-3
Φαξ: + 30 210 3286404

▼B

SPANJA

Dirección General del Tesoro y Política Financiera
Subdirección General de Inspección y Control de Movimientos de Capitales
Ministerio de Economía
Paseo del Prado, 6
E-28014 Madrid
Tel.: (34) 912 09 95 11

Dirección General de Comercio e Inversiones
Subdirección General de Inversiones Exteriores
Ministerio de Industria, Comercio y Turismo
Paseo de la Castellana, 162
E-28046 Madrid
Tel.: (34) 913 49 39 83

FRANZA

Ministère de l'économie, des finances et de l'industrie
Direction générale du Trésor et de la politique économique
Sous-direction Politique commerciale et investissements
Service Services, Investissements et Propriété intellectuelle
Service Services, Investissements et Propriété intellectuelle
139, rue du Bercy
75572 Paris Cedex 12
Tel.: (33) 1 44 87 72 85
Fax: (33) 1 53 18 96 55

Ministère des affaires étrangères
Direction générale des affaires politiques et de sécurité
Direction des Nations Unies et des organisations internationales
Sous-direction des affaires politiques
Tel.: (33) 1 43 17 59 68
Fax: (33) 1 43 17 46 91
Service de la politique étrangère et de sécurité commune
Tel.: (33) 1 43 17 45 16
Fax: (33) 1 43 17 45 84

L-IRLANDA

United Nations Section

Department of Foreign Affairs,
Iveagh House
79-80 Saint Stephen's Green
Dublin 2.
Tel.: + 353 1 478 0822
Fax: + 353 1 408 2165

Central Bank and Financial Services Authority of Ireland
Financial Markets Department
Dame Street
Dublin 2.
Tel.: + 353 1 671 6666
Fax: + 353 1 679 8882

L-ITALJA

Ministero degli Affari Esteri
Piazzale della Farnesina,
I-00194 Roma
D.G.A.S. — Ufficio II
Tel.: (39) 06 3691 2435
Fax: (39) 06 3691 4534

Ministero dell'Economia e delle Finanze
Dipartimento del Tesoro
Comitato di Sicurezza Finanziaria
Via XX Settembre, 97
I-00187 Roma
Tel.: (39) 06 4761 3942
Fax: (39) 06 4761 3032

▼B

ĊIPRU

Ministry of Commerce, Industry and Tourism
6 Andrea Araouzou
1421 Nicosia
Tel.: +357 22 86 71 00
Fax: +357 22 31 60 71

Central Bank of Cyprus
80 Kennedy Avenue
1076 Nicosia
Tel.: +357 22 71 41 00
Fax: +357 22 37 81 53

Ministry of Finance (Department of Customs)
M. Karaoli
1096 Nicosia
Tel.: +357 22 60 11 06
Fax: +357 22 60 27 41/47

IL-LATVJA

Latvijas Republikas Prokuratūra
Noziedzīgi iegūtu līdzekļu legalizācijas novēršanas dienests
Kalpaka bulvāris 6
Rīga, LV 1801
Tel.: (371) 70144431
Fax: (371) 7044804
E-mail: gen@lrp.gov.lv

Latvijas Republikas Ārlietu ministrija
Brīvības iela 36
Rīga LV 1395
Tel.: (371) 7016 201
Fax: (371) 7828 121
E-mail: mfa.cha@mfa.gov.lv

IL-LITWANJA

Security Policy Department
Ministry of Foreign Affairs of the Republic of Lithuania
J. Tumo-Vaizganto 2
LT-01511 Vilnius
Lithuania
Tel.: (370-5) 236 25 16
Fax: (370-5) 236 30 90

IL-LUSSEMBURGU

Ministère des Affaires étrangères et de l'Immigration
Direction des Relations économiques internationales
5, rue Notre-Dame
L- 2240 Luxembourg
Tel.: (352) 478 2346
Fax: (352) 22 20 48

Ministère des Finances
3, rue de la Congrégation
L-1352 Luxembourg
Tel.: (352) 478 2712
Fax: (352) 47 52 41

L-UNGERIJA

Hungarian National Police Headquarters
Teve u. 4-6.
H-1139 Budapest
Hungary
Tel./fax: +36-1-443-5554
Országos Rendõrfõkapitányság
1139 Budapest, Teve u. 4-6.

▼B

Magyarország
Tel./fax: +36-1-443-5554

Ministry of Finance
József nádor tér. 2-4.
H-1051 Budapest
Hungary
Kaxxa postali: 1369 Pf.:481
Tel.: +36-1-318-2066, +36-1-327-2100
Fax: +36-1-318-2570, +36-1-327-2749

Pénzügyminisztérium
1051 Budapest, József nádor tér 2-4
Magyarország
Postafiók: 1369 Pf.:481
Tel.: +36-1-318-2066, +36-1-327-2100
Fax: +36-1-318-2570, +36-1-327-2749

Ministry of Economic Affairs and Transport (fid-dawl ta' l-Artikolu 4)
Hungarian Trade Licencing Office
Margit krt 85. H-1024 Budapest
Hungary
Kaxxa postali: 1537 Pf.: 345
Tel.: +36-1-336-7327

Gazdasági és Közlekedési Minisztérium — Kereskedelmi
Engedélyezési Hivatal
Margit krt.85. H-1024 Budapest
Magyarország
Kaxxa postali: 1537 Pf.:345
Tel.: +36-1-336-7327

MALTA

Bord ta' Sorveljanza dwar is-Sanzjonijiet
Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin
Palazzo Parisio
Triq il-Merkanti
Valletta CMR 02
Tel.: +356 21 24 28 53
Fax: +356 21 25 15 20

L-OLANDA

De Minister van Financiën
De Directie Financiële Markten/Afdeling Integriteit
Postbus 20201
2500 EE Den Haag
Fax: 070-342 7984
Tel.: 070-342 8997

L-AWSTRIJA

Oesterreichische Nationalbank
Otto Wagner Platz 3
A-1090 Wien
Tel.: (+43-1) 404 20-0
Fax: (+43-1) 404 20-7399

IL-POLONJA

L-awtorità prinċipali:

Ministry of Finance
General Inspector of Financial Information (GIFF)
ul. Świętokrzyska 12
00-916 Warsaw
Poland
Tel.: (+48 22) 694 59 70
Fax: (+48 22) 694 54 50

▼B

L-Awtorità ta' koordinazzjoni:

Ministry of Foreign Affairs
Department of Law and Treaties
Al. J. Ch. Szucha 23
00-580 Warsaw
Poland
Tel.: (+48 22) 523 9427 jew 9348
Fax: (+48 22) 523 8329

IL-PORTUGALL

Ministério dos Negócios Estrangeiros
Direcção Geral dos Assuntos Multilaterais
Largo do Rilvas
P-1350-179 Lisboa
Tel.: (351) 21 3946702
Fax: (351) 21 3946073

Ministério das Finanças
Direcção-Geral dos Assuntos Europeus e Relações Internacionais
Avenida Infante D. Henrique nº 1, C, 2º
P 1100 Lisboa
Tel.: (351) 218823390/8
Fax: (351) 218823399

▼M2

IR-RUMANIJA

Ministerul Afacerilor Externe
Aleea Alexandru, nr. 31
Sector 1, Bucureşti
Tel.: (40) 21 319 2183
Fax: (40) 21 319 2226
E-mail: cabinet@mae.ro

Ministerul Finanţelor Publice
Strada Apolodor nr. 17,
Sector 5, Bucureşti
Tel.: (40) 21 319 9743
Fax: (40) 21 312 1630
E-mail: cabinet.ministru@mfinante.ro

Ministerul Economiei şi Comerţului
Calea Victoriei, nr. 152
Sector 1, Bucureşti
Tel. (40) 21 231 02 62
Fax: (40) 21 312 05 13

▼B

IS-SLOVENJA

Ministry of Foreign Affairs
Prešernova 25
SI- 1000 Ljubljana
Tel.: 00386 1 4782000
Fax: 00386 1 4782341

Ministry of the Economy
Kotnikova 5
SI — 1000 Ljubljana
Tel.: 00386 1 4783311
Fax: 00386 1 4331031

Ministry of Defence
Kardeljeva pl. 25
SI — 1000 Ljubljana
Tel.: 00386 1 4712211
Fax: 00386 1 4318164

▼B

IS-SLOVAKKJA

Ministerstvo financií Slovenskej republiky
Štefanovičova 5
KAXXA POSTALI 82
817 82 Bratislava
Tel.: 00421/2/5958 1111
Fax: 00421/2/5249 8042

Ministerstvo zahraničných vecí Slovenskej republiky
Hlboká cesta 2
83336 Bratislava
Tel.: 00421/2/5978 1111
Fax: 00421/2/5978 3649

IL-FINLANDJA

Ulkoasiainministeriö/Utrikesministeriet
PL/PB 176
FIN-00161 Helsinki/Helsingfors
Tel.: (358-9) 16 00 5
Fax: (358-9) 16 05 57 07

L-ISVEZJA

Artikoli 3 u 4:

Försäkringskassan
103 51 Stockholm
Tel.: (46-8) 786 90 00
Fax: (46-8) 411 27 89

Artikoli 5 u 6:

Finansinspektionen
Box 6750
113 85 Stockholm
Tel.: (46-8) 787 80 00
Fax: (46-8) 24 13 35

IR-RENJU UNIT

HM Treasury
Financial Systems and International Standards
1, Horse Guards Road
London SW1A 2HQ
United Kingdom
Tel.: +44 (0) 20 7270 5977
Fax: +44 (0) 20 7270 5430

Bank of England
Financial Sanctions Unit
Threadneedle Street
London EC2R 8AH
United Kingdom
Tel.: +44 (0) 20 7601 4768
Fax: +44 (0) 20 7601 4309

IL-KOMUNITÀ EWROPEA

European Commission
DG External Relations
Directorate A: Directorate Common Foreign and Security Policy (CFSP) and European Security and Defence Policy (ESDP): Commission Coordination and contribution
Unit A 2: Legal and institutional matters, CFSP Joint Actions, Sanctions, Kimberley Process
Tel.: (32 2) 295 55 85
Fax: (32 2) 296 75 63